MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 853/2006

**Vella Falzon Capital Projects Limited**

**vs**

**Tourist Services Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Il-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta` hmistax-il elf, sitt mija, wiehed u tlettin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm15,631.58) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar tal-prezz ta` forniment ta` merkanzija u materjal u ghemil ta` xogholijiet ta` *finishing* illi l-kumpanija rikorrenti ghamlet fil-fondi maghrufa bhala *St.*

*George's Park* u *Penthurst Apartments* illi jinsabu f`San Giljan fuq appalt moghti lilha mill-kumpanija intimata;

2. Ghalkemm interpellata diversi drabi inkluz b`ittra ufficjali datata 2 ta` Gunju, 2006 sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha kemm kapitali kif ukoll l-imghax, il-kumpanija intimata naqset milli thallas u ghalhekk il-kumpanija rikorrenti ma kelliex triq ohra hlief illi taghmel din il-kawza;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kumpanija intimata Tourist Services Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti Vella Falzon Capital Projects Limited fis-somma ta` hmistax-il elf, sitt mija, wiehed u tlettin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm15,631.58) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar tal-prezz ta` forniment ta` merkanzija u materjal u ghemil ta` xogholijiet ta` *finishing* illi l-kumpanija rikorrenti ghamlet fil-fondi maghrufa bhala *St. George's Park* u *Penthurst Apartments* illi jinsabu f`San Giljan fuq appalt moghti lilha mill-kumpanija intimata;

2. Tordna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta` hmistax-il elf, sitt mija, wiehed u tlettin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm15,631.58) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar tal-prezz ta` forniment ta` merkanzija u materjal u ghemil ta` xogholijiet ta` *finishing* illi l-kumpanija rikorrenti ghamlet fil-fondi maghrufa bhala *St. George's Park* u *Penthurst Apartments* illi jinsabu f`San Giljan fuq appalt moghti lilha mill-kumpanija intimata.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija ntimata nkluz tal-ittra ufficjali datata 2 ta` Gunju, 2006 u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma` dan ir-rikors. Bl-ingunzjoni tal-kumpanija intimata ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni is-somma mitluba mhiex dovuta ghaliex ir-rikorrenti naqset tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda` f`Mejju/Gunju 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti u sahansitra naqset tirrimedja d-difetti fix-xoghol ammessi minnha liema xogholijiet rimedjali kellhom fic-cirkustanzi jigi kkompletati mill-impjegati tal-intimata Prospett ta` korrispondenza hawn annessa bhala Dokument TSL 1;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-somma mitluba fir-rikors odjern l-anqas hija korretta ghaliex skond ir-records tal-intimata kienu saru zewg pagamenti ammontanti ghal tmien t`elef lira (Lm8,000) li ma gewx ikkreditati kif jirrizulta mill-ircevuti hawn annessi bhala dokument TSL2 u TSL3.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni.

Ikkunsidrat illi l-attur f`din il-kawza qed jitlob hlas ta` materjal u xoghol fornit lill-kumpanija intimata, li qed tecepixxi l-preskrizzjoni.

L-intimata qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dan il-provvediment jghid illi:

*“**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` tmintax-il xahar;*

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta` persuni ohra*

*li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta` l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu".*

Sabiex wiehed jasal ghal konkluzzjoni dwar l-applikabilita` a meno ta` dan il-provvediment, wiehed irid jara ezattament x`kienet it-tip ta` relazzjoni jew negozju li sar bejn il-partijiet.

Mid-dokumenti u affidavit ipprezentati jidher li dak li tqabbdet taghmel is-socjeta` attrici odjerna kien jinvolvi ammont estensiv ta` xoghol ta` refurbishment komplet fuq proprjeta` f`*'The Gardens'*, San Giljan. Ix-xoghol li sar huwa elenkat dettaljatament fl-affidavit tal-istess Alexis Vella Falzon (fol. 74 tal-process).

Il-Qorti ma tistax wara li rat l-estensjoni tax-xogholijiet appaltati tasal ghall-konkluzzjoni li dan semplicement xoghol ta` bennej jew bajjad. Ghalkemm xoghol ta` gebel u tibjid kien hemm, dan kien fil-kuntest ta` progett kbir ta` *refurbishing* estensiv ta` proprjeta`.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fit-3 ta` Novembru, 2004 fil-kaz *Langdale Ltd vs Jon David:*

*"Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol. XLII p. III p. 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta` artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta` l-artikolu 2149(a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta` dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta` spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta` importanza tas-somministrazzjonijiet".*

Il-Qorti tinnota ukoll hawnhekk id-distinzjoni bejn contratto d`opera u contratto d`appalto li jaghmel Trabucchi *"Istituzioni Di Diritto Civile"* (42 nd ed.)

*"Nel contratto d`opera colui che assume l'impegno di realizzare una determinata opera la esegue personalmente, eventualmente avvalendosi dell`ausilio di*

*collaboratori o di famigliari; nel contratto d`appalto, invece, la realizzazione dell`opus avviene mediante un`organizzazione di grande o media impresa cui 'l obbligato e` preposto.* ***Il contratto d`opera e il contratto d`appalto si differenziano, quindi, per la struttura e la dimensione dell'impresa cui sono commissionate le opera****; il contratto d`opera coinvolge la piccola impresa, vale a dire quella svolgente la propria attivita` con la prevalenza del lavoro personale dell`imprenditore, la cui organizzazione e` tale da non consentire il perseguimento delle iniziative di impresa in assenza dell`attivita` esecutiva dell`impreditore artigiano stesso; il contratto di appalto, al contrario, presuppone una vasta organizzazione di mezzi, e, quindi, una prevalenza del capitale sulla prestazione del lavore diretto dell`appaltatore (che nel linguaggio corrente si chiama spesso impresario in quanto organizza importanti lavori assumendone il rischio)".*

Il-Qorti ghalhekk tasal ghal konkluzzjoni li r-relazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet kienet wahda ta` appalt u konsegwentement il-preskrizzjoni citata mis-socjeta` intimata ma tapplikax.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------